



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16580/23

**LIMITE**

CORLX 1104  
CFSP/PESC 1648  
COAFR 437  
CONUN 302  
FIN 1276

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

## **DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...**

**ta' ...**

**li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23.

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Settembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2374(2017), li stabbiliet qafas għall-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi kontra individwi u entitajiet responsabbi għat-theddid għall-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tal-Mali jew kienu kompliċi fih jew involuti fih direttament jew indirettament.
- (2) Fit-28 ta' Settembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775.
- (3) Fil-31 ta' Awwissu 2023, ir-reġim ta' sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti skada meta l-Kunsill tas-Sigurtà naqas milli jaqbel dwar l-estensjoni tiegħu.
- (4) Fid-dawl tat-tmiem tar-reġim ta' sanzjonijiet tan-NU fuq il-Mali, jenħtieġ li l-entrati kollha fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 jitħassru.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**ANNESS**

- (1) Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775, fit-Taqsima A, “Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1(1)”, jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:
1. AHMOUDOU AG ASRIW;
  2. Mahamadou AG RHISSA;
  3. MOHAMED OUSMANE AG MOHAMEDOUNE;
  4. AHMED AG ALBACHAR;
  5. HOUKA HOUKA AG ALHOUSSEINI;
  6. MAHRI SIDI AMAR BEN DAHA;
  7. MOHAMED BEN AHMED MAHRI;
  8. MOHAMED OULD MATALY;

(2) Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775, fit-Taqsima B, “Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1)”, jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

1. AHMED AG ALBACHAR;
2. HOUKA HOUKA AG ALHOUSSEINI;
3. MAHRI SIDI AMAR BEN DAHA;
4. MOHAMED BEN AHMED MAHRI;
5. MOHAMED OULD MATALY.

---